Nru. 17,898
Prezz Lm1.28ċ
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 21 ta' Marzu, 2006
Tuesday, 21st March, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 253

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,897 tas-17 ta' Marzu, 2006.

A.L. Nru. 63 ta' l-2006: Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2005), Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm15,000,000 4.8% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2016 (It-Tieni Ħruġ), *Fungibility Issue*.

A.L. Nru. 64 ta' l-2006: Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i (Kap. 101); Regoli ta' l-2006 li jħassru r-Regoli dwar Riċetti u Għoti ta' *Methadone*.

Il-21 ta' Marzu, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 253

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,897 of the17th March, 2006.

L.N. No. 63 of 2006: Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005), Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of Lm15,000,000 4.8% Malta Government Stock 2016 (Second Issue), Fungibility Issue.

L.N. No. 64 of 2006: Dangerous Drugs Ordinance (Cap. 101); Methadone (Prescribing and Dispensing) (Revocation) Rules, 2006.

21st March, 2006

Nru. 254

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Ħatra ta' Membru fuq il-*Panels* ta' Assessuri

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 107 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra ta' Dott. Charlotte Camilleri, LL.D., minflok Dott. Roslyn Borg, LL.D., bħala membru tal-*panel* ta' assessuri li jirrappreżentaw il-prinċipali.

Din il-ħatra hi valida mill-1 ta' Marzu 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006.

Il-21 ta' Marzu, 2006

No. 254

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Appointment of Members on the Panels of Assessors

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 107 of the Social Security Act (Cap. 318), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of Dr Charlotte Camilleri, LL.D., to replace Dr Roslyn Borg, LL.D., as a member of the panel of assessors representing employers.

This appointment is valid from the 1st March 2006 up to the 31st December 2006.

21st March, 2006

Nru. 255

ATT TA' L-2005 DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA (KAP. 481)

Ħatra tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3 u 8 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika, u għall-finijiet ta' dak l--Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, għall-perijodu ta' tliet snin b'seħħ mill-1 ta' Marzu 2006, kif ġej:-

Chairperson
Dott. Miriam Camilleri, M.Sc., M.D., DLSHTM

Membri
Ms Maria Attard
Is-Sur Albert Bell, B.A. (Gen.), B.A.Hons, M.A.
Sr Joan Garner
Dott. Roberta Lepre, B.A., LL.D.
Dott. Marcelline Naudi, B.A., M.A. (Bradford), Ph.D.(Manch.)
Is-Sur Cornelius Mulvaney, Dip. Family Therapy (UK)
Spett. Sharon Tanti, B.Psych. (Hons.)

Segretarja
Ms Doris Vassallo, DPA

Il-21 ta' Marzu, 2006

No. 255

DOMESTIC VIOLENCE ACT, 2005 (CAP. 481)

Appointment of Commission on Domestic Violence

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by sections 3 and 8 of the Domestic Violence Act, and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of the Commission on Domestic Violence, for a period of three years with effect from the 1st March 2006, as follows:-

Chairperson
Dr Miriam Camilleri, M.Sc., M.D., DLSHTM

Members
Ms Maria Attard
Mr Albert Bell, B.A. (Gen.), B.A.Hons, M.A.
Sr Joan Garner
Dr Roberta Lepre, B.A., LL.D.
Dr Marcelline Naudi, B.A., M.A. (Bradford), Ph.D.(Manch.)
Mr Cornelius Mulvaney, Dip. Family Therapy (UK)
Insp. Sharon Tanti, B.Psych. (Hons.)

Secretary
Ms Doris Vassallo, DPA

21st March, 2006

Nru. 256

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIVIŻJONI TAL-KONSUMATUR U KOMPETIZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Godwin Mangion	Direttur Ġenerali *Director General*	Konsumatur u Kompetizzjoni *Consumer and Competition*	21–22.03.06

Il-21 ta' Marzu, 2006

No. 256

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)

THE Permanent Secretary, Ministry for Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

21st March, 2006

Nru. 257

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 257

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjan Lokali
Application for licence of Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Jesmond Frendo Cumbo	37872 (M)	12, "St Joseph", Triq il-Mitħna, Birkirkara

Applikazzjoni għall-liċenza bħala Gwardjan Privat
Application for licence of Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Tiziana Testa	17988 (M)	"Susan", Triq it-Torri Wejter, Birkirkara
Joan Attard	291169 (M)	10, "Żoqżoq", Flat 4, Triq l-Ispnott, Xgħajra
David Mizzi	397380 (M)	28, Triq id-Duluri, Żejtun
Antoine Spiteri	305987 (M)	25, Triq il-Ħelsien, Żejtun
Joseph Attard	571758 (M)	1, "Atria", Triq il-Muża, Siġġiewi
Aldo Spiteri	824457 (M)	249, Triq il-Mosta, Naxxar
Norbert Ciantar	11573 (M)	47, "Bambina", Triq l-Affreski, Rabat
Melvin Calleja	351685 (M)	34, Triq Santa Venera, Tarxien
Joseph Duca	312183 (M)	"Duke's", Triq il-Barbazzal, Għaxaq
Anthony Mizzi	278356 (M)	29, "Oleander", Vjal Kottoner, Fgura
Achille Coleiro	332887 (M)	Flat 4, Blokk D, Bini tal-Gvern, Ħamrun
Cleaven Cutajar	495387 (M)	"Sunrise", Triq il-Biedja, Safi
Daniel Vella	621282 (M)	22, "Sagra Familja", Triq il-Ballottra, Mosta
Joseph Compagno	577751 (M)	16, "Seaspray", Triq il-Ġojjin, Fgura

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-21 ta' Marzu, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

21st March, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 7 ta' l-2006

Regatta tal-31 ta' Marzu fil-Port il-Kbir

Ir-Regatta tal-31 ta' Marzu se ssir fil-bokka tal-Port il-Kbir. B'konnessjoni ma' dan l-avveniment ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond ir-Regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet u skond l-Artikolu 7 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352), is-Segretarju Eżekuttiv (Portijiet) jordna illi se jitqiegħdu oġġetti ta' ngombru fil-Port il-Kbir.

2. Fit-30 ta' Marzu, 2006, se jitqiegħdu 2 *sinkers* b'*marker buoys* fil-pożizzjonijiet li ġejjin. Dawn imbagħad jitneħħew mill-ġdid fl-1 ta' April, 2006.

	Latitude (T)	*Longitude (L)*
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.46	14°30'.76

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 7 of 2006

31 March Regatta in Valletta Grand Harbour

The 31 March Regatta will be held in the main Grand Harbour Channel. In connection with this event it is notified for general information that in terms of Regulation 6 of the Ports Regulations, 1966 and in terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority, (Cap. 352), the Executive Director (Ports) directs that the following obstructions will be laid in Grand Harbour.

2. On the 30th March 2006, 2 sinkers with marker buoys will be laid in the following positions. They will then be removed again on 1st April 2006.

	Latitude (N)	Longitude (E)
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.46	14°30'.76

3. Mis-7.00 a.m. se titqiegħed linja ta' *planks/wires* fil-pożizzjonijiet li ġejjin:–

(a) minn baga (i) 'l hinn mill-Ponta ta' Sant'Anġlu sa baga (ii) ħdejn il-Ponta ta' l-Isla faċċata tad-daħla ta' *French Creek*;

(b) minn baga (1) sal-ponta fuq ix-xatt taħt il-bastjun ta' Lascaris fil-pożizzjoni:–

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35°53'.74	14°30'.85

(ċ) mill-kantuniera tat-tramuntana ta' Ras Ħanżir II sa *bollard* 26 f'*Deep Water Quay*.

Il-bagi, *planks/wires* jitneħħew meta tintemm ir-Regatta għall-ħabta tas-6.00 p.m.

4. Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf *Masters* tal-bastimenti u inġenji kollha illi fil-31 ta' Marzu, 2006 bejn is-7.00 a.m. u madwar is-6.00 p.m., bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx jgħaddu għal xi rmiġġ fil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris ma' l-arblu tal-bandiera tal-Forti Sant'Anġlu. Minbarra dan, inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx jgħaddu iżjed mil-linja tat-tluq li l-pożizzjoni tagħha hija murija f'(ċ) hawn fuq wara t-8.00 a.m. Ma jitħalla jsir ebda ċaqliq ta' bastimenti fil-Port il-Kbir, sakemm ma jkunx hemm permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet).

5. *Masters* ta' bastimenti u inġenji huma mwissija illi l-bagi/*planks/wires* msemmija fil-paragrafi 2 u 3 hawn fuq jistgħu jkunu ta' tfixkil fiżiku u għalhekk għandhom ibaħħru b'attenzjoni. L-istess attenzjoni għandha tingħata meta jkunu qrib *planks/wires* bħal dawn meta dawn ikunu qed jitqiegħdu jew imneħħija.

Chart affettwata BA 177

Il-21 ta' Marzu, 2006

3. As from 7.00 a.m. a line of planks/wires will be laid in the following positions:–

(a) from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point opposite the entrance of French Creek;

(b) from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, position:-

Latitude (N)	Longitude (E)
35°53'.74	14°30'.85

(c) from north corner at Ras Ħanżir II to bollard 26 at Deep Water Quay.

The buoys, planks/wires will be removed on the completion of the Regatta at approximately 6.00 p.m.

4. The Executive Director (Ports) informs Masters of all vessels and craft that on the 31st March, 2006 between 7.00 a.m. and about 6.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St Angelo Flagstaff. Besides, small craft in "The Marsa" will not be allowed to proceed beyond the starting line whose position is indicated in (c) above after 8.00 a.m. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission from the Executive Director (Ports).

5. Masters of all vessels and craft are also warned that the buoys/planks/wires mentioned in paragraphs 2 and 3 above may cause a physical obstruction and consequently are to navigate with caution. Likewise caution is to be exercised when in the vicinity of such planks/wires when these are being laid or removed.

Chart Affected: BA 177

21st March, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Staff Nurse* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Staff Nurse* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1. Il-post ta' *Staff Nurse* għandu salarju ta' Lm4,967 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,879 (Skala Nru 12). Persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* tiżdied fis-salarju għal Skala Nru 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640) meta tagħlaq ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Staff Nursse in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Staff Nurse in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

2.1. The post of Staff Nurse carries a salary of Lm4,967 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,879 (Scale No 12). A Staff Nurse will progress to Scale No. 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. Is-salarju ta' persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* li għandha l-*BSc (Nursing)* huwa Lm5,590 fis-sena li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,640 (Skala Nru. 10). Persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* iggradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Staff Nurse* iggradwata jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* jinkludu:

a) provvediment ta' kura effettiva u effiċjenti lill-grupp speċifikat ta' pazjenti u li tieħu sehem fl-edukazzjoni ta' *junior staff,* ta' persuni li jkunu fuq żjara, kif ukoll ta' studenti;

b) għoti ta' informazzjoni lin-*Nursing Officer* u lill-membri oħra ta' l-i*staff* biex jiġi assigurat l-użu effiċjenti u effettiv ta' impjegati u riżorsi;

ċ) tagħlim u sorveljanza ta' *junior staff* u studenti skond il-livell tal-kompetenza/esperjenza tagħha;

d) tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknologija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fil-Ministeru.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni

2.2. The salary of a Staff Nurse in possession of a BSc (Nursing) is Lm5,590 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,640 (Scale No. 10). A graduate Staff Nurse will progress to Scale No 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082) on completion of two years service as graduate Staff Nurse, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry of Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Staff Nurse include:

a) providing safe, effective and efficient care to a specified group of patients and participating in the education of junior/visiting staff and students;

b) giving information to the Nursing Officer and other members of staff to ensure the efficient and effective use of personnel and resources;

c) teaching and supervising junior staff and students according to own level of competence/experience;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Ministry.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the

(f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġizlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati mal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u kkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu

Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration with the Council for Nurses and Midwives (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included

jintbaghtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:
http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' April, 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa' nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' April 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Marzu, 2006

with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice- board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:
http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Thursday, 13th April, 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Thursday, 13th April 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

21st March, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Chief Information Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ fuq kuntratt fil-pożizzjonijiet ta' *Chief Information Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.1 Persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Chief Information Officer*, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. Persuni li ma jkunux taw sehem sodisfaċenti bħala *Chief Information Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollhom il-kuntratt tagħhom terminat.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Impjegati bil-kuntratt huma meħtieġa li jtemmu l-kuntratt preżenti tagħhom qabel ma' jidħlu f'kuntratt bħala *Chief Information Officer*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li l-kuntratt ma jiġix imġedded jew jintemm.

3.1 Il-persuni magħżula jigu assenjati fil-Ministeri skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Il-Ministeri se jkunu maqsuma fi tliet kategoriji - *major, middle* u *minor* - skond il-komplessità u l-firxa tas-sistemi ta' l-*ICT* tagħhom u l-potenzjal li dawn is-sistemi jintużaw għal tibdil u titjib fis-sistema operattiva tal-Gvern.

3.2 Is-salarji u l-*allowances* marbutin mal-pożizzjonijiet ta' *Chief Information Officer* huma kif ġej:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Chief Information Officer in the Malta Public Service

The Public Service Commission invites applications for the positions of Chief Information Officer in the Malta Public Service.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three (3) year contract as Chief Information Officer, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Chief Information Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. Contract employees will be required to terminate their present contract prior to entering into an agreement as Chief Information Officer. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

3.1 Selected officers will be assigned to line Ministries according to exigencies. Ministries will be categorized as major, middle, and minor according to the complexity and magnitude of their ICT systems and their potential to utilize ICT as leverage for business change and improvements.

3.2 The salaries and allowances attached to the positions of Chief Information Officer will be as follows:

Kategorija tal-Ministeru ***Ministry Category***	**Salary** ***Salary Range***	**Benefiċċji Oħra** ***Perquisites***
Major	Lm10,500 - Lm11,500	10% Performance Bonus Fully expensed car Telephone facilities
Middle	Lm9,900 - Lm10,900	10% Performance Bonus Telephone facilities
Minor	Lm9,300 - Lm10,300	10% Performance Bonus Telephone facilities

3.3 F'kaz li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju u benefiċċji oħra dovuti għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable*

3.3 In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary and allowances of the position for which he/she

allowance. Il-pakkett tar-renumerazzjoni huwa marbut mal-pożizzjoni u mhux ma' l-individwu. Persuna fil-pożizzjoni *Chief Information Officer* tista' tiġi trasferita minn kategorija għal oħra skond l-esiġenzi flimkien ma' l-aġġustament relevanti fil-pakkett tar-renumerazzjoni.

3.4 Id-deċiżjoni dwar f'liema kategorija ta' Ministeru - *major, middle* u *minor* – persuna se twettaq id-dmirijiet tagħha u trasferiment minn Ministeru għal ieħor hija prerogattiva tal-*management*. Il-punt tas-salarju mogħti, skond il-parametri msemmija f'paragrafu 3.2, ikun jiddependi fuq il-kwalifiki, ħiliet, xeħta u esperjenza ta' l-Uffiċjal maħtur.

4. Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad b'salarju ogħla minn dak ta' din il-pożizzjoni, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Chief Information Officer* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha.

5. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Chief Information Officer* tkun responsabbli għaż-żamma u żvilupp tas-sistemi ta' l-*ICT* fil-Ministeru u trid taħdem taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru. Persuna fil-ħatra ta' *Chief Information Officer* tirrapporta direttament lis-Segretarju Permanenti fir-rigward ta' affarijiet relatati ma' l-*ICT* fil-Ministeru tagħha u tkun responsabbli lejn iċ-*Chairman* tal-*MITTS Ltd* f'dak li għandu x'jaqsam ma' affarijiet korporattivi u ta' tmexxija.

Aktar dettalji dwar din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-*Management and Personnel Office*, Berġa ta' Kastilja, Valletta, jew inkella jintalbu permezz ta' *e-mail* fl-indirizz mpo@gov.mt.

6.1 L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

has been selected will be paid as a non-pensionable allowance. The remuneration package is tied to the position and not to the individual. A Chief Information Officer may be transferred from one category to another according to exigencies with corresponding upwardċdownward adjustment of the remuneration package.

3.4 The decision as to whether a successful candidate is to be assigned to a major, middle or minor range Ministry and transfers from one Ministry to another will be the prerogative of Management. The salary point awarded within the range allocated to the Ministry to which the Chief Information Officer has been assigned, will depend on the qualifications, skills, aptitudes and experience of the officer.

4. If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary higher than that pertaining to the position, he/she will be expected to relinquish the duties of Chief Information Officer and be transferred to duties pertinent to hisċher new grade.

5. The Chief Information Officer will be responsible for the development and management of the Ministry's ICT, under the direction of the respective Permanent Secretary. The officer will report directly to the Permanent Secretary with regard to the Ministry's ICT matters and will have horizontal responsibility to the Chairman of MITTS Ltd for corporate and governance related matters.

Further details on the position description may be obtained from the Management and Personnel Office, Auberge de Castille, Valletta or requested by e-mail using the address mpo@gov.mt.

6.1 Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond legiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

c) (i) ikollhom livell ta' edukazzjoni ta' *first degree* jew kwalifika komparabbli xierqa fil-*Business*, u/jew *Information Security*, u/jew *Computer Studies*, u/jew *Information Technology* u/jew *Information Science* flimkien ma' seba' (7) snin esperjenza relevanti, (tliet (3) snin minnhom iridu jkunu f'pożizzjoni ta' tmexxija);

JEW

ii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li l-kariga sustantiva tagħhom, jew il-pożizzjoni li attwalment jokkupaw, tkun fi skala ta' salarju mhux inqas minn Skala 6;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li għandhom esperjenza fl-operat tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, u esperjenza fil-*management* u amministrazzjoni ta' Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożiżzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) (i)be in possession of a first degree level of education or an appropriate comparable qualification in Business, and/or Information Security, andċor Computer Studies and/or Information Technology and/or Information Science, plus seven (7) years work experience in a formal and mature ICT environment, of which three (3) years should be in a management position;

OR

(ii) be Public Officers whose salary scale attached to their substantive grade, or the position they currently occupy, is not lower than salary Scale 6;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.2 Due consideration will be given to candidates who, through their serving or as a result of their having served, in the Public Service, have knowledge and experience in the management and administration of Government Ministries and Departments.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant

msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-*Management and Personnel Office* u tkun ikkupjata lill-KNPD.

documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Management and Personnel Office and copied to the NCPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema kuntratt jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt .

9. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address http://www.mpo.gov.mt.

10.1 L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għal intervista rigoruża minn Bord ta' Għażla biex jiġi aċċertat li huma kompetenti u adatti biex jimlew din il-pożizzjoni. Meta jkun qed jiġi evalwat kemm huma adatti u l-meritu tagħhom, jingħata każ mhux biss tal-kompetenza maniġerjali u l-impenn li jitkejjel ukoll mit-*track record* ta' l-applikanti, iżda wkoll ta' kemm jistgħu jassumu r-responsabilitajiet ta' *Chief Information Officer*. Huma biss dawk il-kandidati li jħossu li għandhom l-esperjenza u l-ħiliet neċessarji għal din il-pożizzjoni li huma mistennija li japplikaw.

10.1 Eligible applicants will be rigorously assessed by a Selection Board to determine their competence and suitability for the position. In evaluating the suitability and merit of candidates for these positions, due weight shall be given not only to managerial competence and the commitment of the officers, judged also by their track records, but also to their anticipated performance on assuming the responsibilities of Chief Information Officer. It needs to be emphasized that only officers who consider themselves to have the necessary experience and expertise are expected to apply.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jintbagħtu fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11 Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mill-*Management and Personnel Office*, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

or obtained from the Management and Personnel Office, Auberge de Castille, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* jintlaqgħu mill-Aġent Direttur Ġenerali, *Management and Personnel Office*, Berġa ta' Kastilja, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' April 2006.

13. Applications, together with a *curriculum vitae*, will be received in the first instance by the A/Director General, Management and Personnel Office, Auberge de Castille, Valletta by not later than noon of Thursday, 13th April, 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofs inhar ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' April 2006 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-MPO mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-*Management and Personnel Office* huwa +356 22001334.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Marzu, 2006

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA

Ingaġġ ta' Skrivani Sostituti Każwali b'Kuntratt Definit

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' Skrivani Sostituti Każwali b'kuntratt definit ta' bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ. Kandidati magħżula jintbagħtu fejn meħtieġ, fid-diversi Dipartimenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura.

2. Is-salarju ta' Skrivan Sostitut Każwali jkun bir-rata ta' Lm3,950 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' Skrivan.

3. Skrivan Sostitut Każwali jista' jaħdem fuq bażi *full-time* jew *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallas *pro-rata*. Jekk ma jkunx qed jaħdem fuq bażi *full-time*, ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari tal-M.P.O 50/96 u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas.

4. Persuna fil-grad ta' Skrivan Sostitut Każwali jkun qed jissostitwixxi impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, l-Iskrivan Sostitut Każwali jkollu l-kuntratt tiegħu terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-Iskrivan Sostitut Każwali f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Thursday, 13th April, 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Management and Personnel Office by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Management and Personnel Office is +356 2200 1334.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing within seven days.

21st March, 2006

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Engagement of Casual Substitute Clerks on a Definite Contract

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Infrastructure, invites applications for the engagement of Casual Substitute Clerks on a definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary. The selected candidates will be deployed as necessary in the various Departments within the Ministry for Resources and Infrastructure.

2. The salary of a Casual Substitute Clerk will be at the rate of Lm3,950 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Clerk.

3. Casual Substitute Clerks may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of M.P.O Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. The Casual Substitute Clerk will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work the Casual Substitute Clerk will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Clerk at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks' salary.

6. Skrivani Sostituti Każwali ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliża;

(ċ) ma jkollhomx inqas minn 17-il sena. (L-applikanti jridu jippreżentaw ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa mir-Reġistru Pubbliku).

(d) (i) ikollhom ħames *passes* fil-Livell Ordinarju, jew ekwivalenti, (minimu Grad Ċ; MATSEC 1-5) li għandhom jinkludu *passes* fil-Malti, lingwa Ingliża u l-Matematika.

JEW

(ii) jipprovdu xhieda li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan.

(e) ikollhom *passes* fil-Moduli (1-7) kollha ta' l-ECDL;

(f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni).

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond L-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għall-

6. Casual Substitute Clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) be not less than seventeen (17) years of age. (Applicants should produce their birth certificate with that of their father. Both certificates are to be issued from the Public Registry);

(d) (i) be in possession of five 'O' Level passes or equivalent (Minimum 'C' Grade; MATSEC 1-5), which must include passes in Maltese, English Language and Mathematics;

OR

(ii) produce evidence that they held regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk.

(e) be in possession of passes in all Modules (1-7) of the ECDL;

(f) of good moral character (a Police certificate of conduct issued within six months prior to the closing date of applications should be provided).

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection

intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat fuq in-*notice-boards* tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jintbagħtu fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. L-ordni tal-meritu ma jibqax validu wara sena mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista. Il-post vakanti u kull post vakanti ieħor li jkun hemm fid-dipartimenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura jimtlew skond l-ordni tal-mertu stabbilit mill-intervista msemmija f'(10) hawn fuq.

11. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinġabru mit-Taqsima għar-Riżorsi Umani, Taqsima tax-Xogħlijiet, Blokk 'A', il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, Taqsima għar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', il-Furjana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-30 ta' Marzu, 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax/telex* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq, jiġu kkunsidrati biss jekk ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment hu (+356) 21245593).

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, (Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura).

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Dawn l-applikazzjonijiet jiġu ċertifikati bil-miktub li ntlaqgħu mis-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura fi żmien sebat (7) ijiem.

16. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-21 ta' Marzu, 2006

Board to assess their suitability for the post.

The result of the interviews will be published on the notice-boards of the Works Division. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette.

Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within the (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after one year from the publication of the result. The vacant post and any subsequent vacancy arising in any department within the Ministry for Resources and Infrastructure will be filled in accordance with the final order of merit established after the interview referred to in (10) above.

11. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Branch, Works Division, Block 'A', Floriana.

13. Applications will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry for Resources and Infrastructure, Human Resources Branch, Block 'A', Floriana, by not later than noon of Thursday, 30th March 2006.

14. Applications received from abroad through a fax/telex or other similar message by the closing date for applications may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Resources and Infrastructure by not later that one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Works Division is (+356) 21245593).

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary (Ministry for Resources and Infrastructure) and a receipt will be given at the time of delivery.

16. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary (Ministry for Resources and Infrastructure) within seven (7) days.

16. Late applications will not be considered.

21st March, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Culture and Audiovisual Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Culture and Audiovisual Attaché* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea. L-uffiċjal li jinħatar fil-pożizzjoni ta' *Culture and Audiovisual Attaché* jkun/tkun residenti fi Brussell.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Culture and Audiovisual Attaché* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra fuq bażi ta' servizz sodifaċenti. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Culture and Audiovisual Attaché* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, u matul il-perijodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Culture and Audiovisual Attaché* u li tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 kif applikabbli permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Culture and Audiovisual Attaché* jkun il-massimu ta' skala ta' salarju 7 ta' l-iskali ta' salarji tas-Servizz Pubbliku (Lm8,081 fl-2006). Il-persuna magħżula tirċievi wkoll l-istess pakkett ta' benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom Uffiċ jal Pubbliku fil-grad ta' *Counsellor* fid-*Diplomatic Grades*. F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-ingaġġ bħala *Culture and Audiovisual Attaché* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Culture and Audiovisual Attaché at the Permanent Representation of Malta to the European Union

The Public Service Commission invites applications for the position of Culture and Audiovisual Attaché within the Permanent Representation of Malta to the European Union. Officers appointed to the position of Culture and Audiovisual Attaché will be stationed in Brussels.

2.1. The selected candidate will be expected initially to enter into a three-year contract as a Culture and Audiovisual Attaché, which may be renewed thereafter for further periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Culture and Audiovisual Attaché during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a public officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a public officer and is, during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be expected to relinquish the duties of Culture and Audiovisual Attaché and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The salary attached to the position of Culture and Audiovisual Attaché is the maximum point of salary scale 7 of the Public Service salary scales (Lm8,081 in 2006). In addition, the selected person will receive the same compensation package by way of benefits and allowances paid to a Public Officer in the Diplomatic Grade of Counsellor. In case the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary, benefits and allowances of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The engagement as Culture and Audiovisual Attaché is on a full-time basis and the selected person will be resident in Brussels.

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni ta' *Culture and Audiovisual Attaché* hija mehmuża ma' din is-sejħa bħala Appendiċi I.

5. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom livell ta' kompetenza xierqa u għalhekk kwalifikati sabiex jagħtu pariri fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni kif jidhru f'din is-sejħa;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kenux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikoli 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt bħala *Culture and Audiovisual Attaché* u tintrabat bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt.

8.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Il-Bord ta' l-Għażla jgħarbel il-kompetenza, l-kapaċitajiet, l-esperjenza, l- karatteristiċi personali ta' kull kandidat u l-potenzjal li għandu sabiex jaqdi d-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni ta' *Culture and Audiovisual Attaché*.

8.3 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura.

A detailed job description of the position of Culture and Audiovisual Attaché is attached as Appendix I to this call.

5. Applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) have an adequate level of expertise and are thus qualified to advise on the specialised areas advertised in this call;

(iii) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. On engagement, the selected applicant will be required to enter into an agreement as Technical Attaché and will be bound by the terms and conditions stipulated in the contract.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The Selection Board will assess the candidates' knowledge, skills, experience, personal attributes and overall potential for assuming the responsibilities attached to the position of Culture and Audiovisual Attaché.

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Tourism and Culture.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* (GP 47) li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-13 ta' April 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax/email* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-13 ta' April 2006, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa (+356) 22981301.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Ministry for Tourism and Culture.

12. Applications, together with a *curriculum vitae* (GP47) indicating qualifications and experience, are to be submitted directly to the Permanent Secretary of the Ministry for Tourism and Culture by not later than noon of Thursday, 13th April 2006.

13. Applications received from abroad through a fax/email or other similar message by noon of Thursday, 13th April 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary of the Ministry not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Ministry for Tourism and Culture is (+356) 22981301.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry for Tourism and Culture and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry for Tourism and Culture within seven (7) days.

Appendix I

Culture and Audiovisual Attaché

Overall Purpose of Position

The Culture and Audiovisual Attaché reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union and is responsible for coordinating any tasks and following any issues within the Permanent Representation related to Culture and Audiovisual as well as keeping the Permanent Representative abreast of any relevant issues in this area.

Main Responsibilities

External

1. A. Representing Malta in Council Working Party and Committee meetings as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes that might be provided by the Ministry/ies concerned through the EU Secretariat;

B. Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved Distribution List as well as alerting, by telephone, the Ministry concerned, the EU Secretariat and the *Cabinet* of the Permanent Representative in the event of immediate issues;

C. Shadowing Council Working Party and Committee meetings as detailed, as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta including where Malta has a proxy arrangement with another Member State;

D. Following up with representatives of other Member States, the Council Secretariat as well as the Commission, as required;

E. Coordinating the follow-up of any issues arising at the above-mentioned meetings as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

2. A. Participating in the Culture and Audiovisual Council and other EU-related Ministerial meetings, COREPER meetings as well as any meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility;

B. Compiling and sending reports of Ministerial Council meetings as well as for those items discussed in COREPER meetings related to this position's area of responsibility immediately after the completion of the meeting;

3. Setting up and holding regular meetings with counterparts from, or representatives of, the other Member States, the Council, Commission, European Parliament and other Institutions in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful and productive connections with other Member States and the EU Institutions;

4. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Internal

5. Following up, on a daily basis, items falling under this position's area of responsibility which are of particular concern to Malta and which are listed in the Table entitled "List of Priority Items for Malta" which is coordinated and circulated on a regular basis by the *Cabinet* of the Permanent Representative;

6. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area of responsibility and liaising with the relevant Units within the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

7. Keeping track of developments related to this position's area of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora, and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

8. Providing input, on a weekly basis, to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the Tables entitled "The Week Ahead" and "Highlights of the Week" which provide information and input to the Permanent Representative for the weekly meetings of the Inter-Ministerial Committee for EU Affairs and the Cabinet of Ministers;

9. Providing input to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs for COREPER II, COREPER I and PSC meetings;

10. Providing input to the Secretariat of the Minister concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related Ministerial meetings;

11. Drawing up Briefing and Background Notes as well as Instruction Notes and Speaking Notes related to this position's area of responsibility as and when required;

12. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Il-21 ta' Marzu, 2006

21st March, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Tejjeb il-Prospetti Tiegħek fil-Karriera
Opportunitajiet ta' Tagħlim u Taħriġ għall-Adulti

L-MCAST qiegħed għal darba oħra jorganizza kors parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

*Kura ta' l-Anzjani**

Dan il-kors bażiku huwa mfassal biex jipprovdi lil dawk li jeħduh bit-tagħlim, l-għarfien u kapaċitajiet prattiċi meħtieġa f'livell ta' xogħol fil-qasam li dejjem qed jikber ta' kura.

Dan il-kors huwa mmirat għal persuni ta' 26 sena 'l fuq, li huma interessati biex jiżviluppaw u/jew itejbu aktar il-kapaċitajiet tagħhom biex jiġu impjegati.

*L-ebda esperjenza minn qabel jew kwalifiki formali mhuma meħtieġa minn persuni li japplikaw biex jieħdu dan il-kors. Dan il-kors huwa disponibbli fuq bażi *part-time* u jista' jsir fil-għodu u fl-għaxija. Dan il-kors huwa bla ħlas u huwa maħsub li jibda f'April, 2006.

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu miċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni u Appoġġ ta' l-MCAST, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, u ċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, 132, Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra. Għal aktar informazzjoni dwar il-kors wieħed għandu jċempel fuq 23987000 (Malta), 21556275 (Għawdex), *e-mail* information@mcast.edu.mt jew jidħol f'www.mcast.edu.mt

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' l-Erbgħa, id-29 ta' Marzu, 2006.

Il-21 ta' Marzu, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Improve Your Career Prospects
Learning and Training Opportunities for Adults

MCAST will once again be organising a course part-financed by the European Social Fund (ESF).

*Caring for the Elderly**

This foundation programme is designed to provide participants with the knowledge, understanding and practical skills required at an operational level within the growing care sector.

This course is aimed at persons aged 26 years and over, who are interested in further developing and/or upgrading their employability skills.

*No previous work experience or formal qualifications are required from persons applying to join this course. This course is available on a part-time basis and may run during the morning and/or evening. The course is free of charge and is intended to start in April 2006.

Application forms are available from the MCAST Information and Support Centre, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola and MCAST Gozo Centre, 132, Triq it-Tiġrija, Xagħra. For further information on the course one can call on 23987000 (Malta), 21556275 (Gozo), e-mail: information@mcast.edu.mt or log on to www.mcast.edu.mt

Applications will be received up to Wednesday, 29th March 2006.

21st March, 2006

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea:
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
This course falls under the Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project Part-Financed by the European Union: European Social Fund

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Tejjeb il-Prospetti Tiegħek fil-Karriera
Opportunitajiet ta' Tagħlim u Taħriġ għall-Adulti

L-MCAST qiegħed għal darba oħra jorganizza korsijiet parzjalment iffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dawn il-korsijiet huma mmirati għal persuni minn 26 sena 'l fuq.

Bizzilla

Dan il-programm jipprovdi lil min irid jitgħallem b'opportunità biex jieħu dawk il-kapaċitajiet meħtieġa biex jagħmel prodotti li jinbiegħu. Dan il-kors jinvolvi li jerġgħu jiġu pprattikati mill-ġdid metodi tradizzjonali li jistgħu jkunu applikati wkoll għax-xogħol li qed isir issa.

Stained Glass

Dan il-kors huwa mmirat għal dawk il-persuni li jixtiequ jibdew jitħarrġu fit-teknika ta' l-i*Stained Glass*.

Trobbija tan-naħal u żamma u produzzjoni ta' għasel

Dan il-kors huwa mmirat għal dawk il-persuni li huma interessati fit-trobbija tan-naħal, sew jekk diġà stabbiliti, nies b'interess ġenerali fl-apikultura u l-għasel, u dawk li jixtiequ jibdew jaħdmu fl-apikultura.

Fuħħar

Dan il-kors bażiku huwa mmirat għal dawk il-persuni li jixtiequ jibdew jaħdmu l-fuħħar.

Filogranu fil-Fidda

Dan il-kors bażiku huwa mmirat għal dawk il-persuni li jixtiequ jibdew jitħarrġu fil-Filogranu bil-Fidda.

Dawn il-korsijiet jipprovdu lil min jieħu sehem bil-kapaċitajiet ta' intrapriża biex jinkoraġġixxu s-*self-employed* fis-settur ta' l-artiġjanat tradizzjonali.

Rekwiżiti biex jidħlu fil-kors: L-ebda esperjenza minn qabel jew kwalifiki formali mhuma meħtieġa minn persuni li japplikaw biex jieħdu dawn il-korsijiet bażiċi.

Dawn il-korsijiet jistgħu jkunu disponibbli fuq bażi *full-time* u/jew *part-time* u jistgħu jsiru fil-għodu, fl-għaxijiet u/jew is-Sibtijiet fil-għodu. Dawn il-korsijiet huma bla ħlas u huma maħsuba li jibdew f'April, 2006.

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu miċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni u Appoġġ ta' l-MCAST, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, u ċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, 132, Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra. Għal aktar informazzjoni dwar il-kors wieħed għandu jċempel fuq 23987000 (Malta), 21556275 (Għawdex), *e-mail* information@mcast.edu.mt jew jidħol f'www.mcast.edu.mt

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Improve your Career Prospects
Learning and Training Opportunities for Adults

MCAST will once again be organising courses part-financed by the European Social Fund (ESF). These courses are aimed for persons 26 years of age and over.

Lace Making

This programme will provide learners with an opportunity to assimilate the skills necessary to fabricate products which sell. This course will involve the revival of traditional techniques which may also be applied to contemporary work.

Stained Glass

This course is aimed at those persons wishing to start training in Stained Glass techniques.

Bee-keeping and honey quality and making

This course is aimed at those persons who are interested in the beekeeping industry, both already established beekeepers, people with a general interest in apiculture and honey, and those who would like to start work in apiculture.

Pottery

This foundation course is aimed at those persons wishing to start training in Pottery.

Silver Filigree

This foundation course is aimed at those persons wishing to start training in Silver Filigree.

These courses will provide participants with entrepreneurial skills to encourage self-employment within the traditional crafts sector.

Course entry requirements: No previous experience or formal qualifications are required from persons applying to join these foundation programmes.

These courses may be available on a full-time and/or part-time basis and may run during the mornings, evenings and/or Saturday mornings. The courses are free of charge and are intended to start in April 2006.

Application forms are available from the MCAST Information and Support Centre, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola and the MCAST Gozo Centre, 132, Triq it-Tiġrija, Xagħra. For further information on the course one can call on 23987000 (Malta), 21556275 (Gozo), e-mail information@mcast.edu.mt or log on to www.mcast.edu.mt

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' l-Erbgħa, id-29 ta' Marzu, 2006.

Il-21 ta' Marzu, 2006

Applications will be received till noon of Wednesday, 29th March 2006.

21st March, 2006

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea:
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
This course falls under the Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project Part-Financed by the European Union: European Social Fund

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami tal-*EFL (English as a Foreign Language)*
Marzu 2006

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf il-kandidati illi l-orarji ta' l-eżami tal-*EFL (English as a Foreign Language)* Marzu 2006 intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-orarji għandhom minnufih jikkuntattjaw lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew iċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

Il-21 ta' Marzu, 2006

EXAMINATIONS DEPARTMENT

EFL (English as a Foreign Language)
Examination March 2006

The Director of Examinations notifies candidates that the timetables for the EFL (English as a foreign language) examination March 2006 have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have failed to receive their timetables can contact the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

21st March, 2006

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Marzu 2006 fis-Sala tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku tan-Naxxar fis-7.30 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali Naxxar huma mħeġġa biex jattendu u jieħdu sehem f'din id-diskussjoni.

Ir-residenti li jattendu jkunu jistgħu jagħmlu suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

Il-21 ta' Marzu, 2006

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XVof 1993), the Annual Locality Meeting will be held on Friday, 24th March 2006 at the Local Council Hall, within the Naxxar Civic Centre at 7.30 p.m.

All residents whose names appear in the last Naxxar Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this discussion.

All participants may put forward their suggestions for the Council's consideration.

21st March, 2006

KUNSILL LOKALI DINGLI

Laqgħa Annwali tal-Lokalità 2006

Skond l-artikolu 70 (1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Marzu, 2006 fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali Dingli, Ċentru tal-Komunità, Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli fis-6.30 p.m.

L-attendenza tar-residenti ta' Ħad-Dingli tkun apprezzata.

Il-21 ta' Marzu, 2006

DINGLI LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting 2006

In accordance with section 70 (1) of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held on Friday, 24th March, 2006 at the Offices of Dingli Local Council, Centre for the Community, Daħla tas-Sienja, Dingli at 6.30 p.m.

Attendance by Dingli residents would be appreciated.

21st March, 2006

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Laqgħa tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 (1) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Marzu, 2006 fis-Sala Parrokkjali, Parroċ-ċa San Piju X, Santa Luċija fis-7.00 p.m.

Waqt din il-laqgħa l-pubbliku jkollu l-opportunità biex iressaq suġġerimenti għall-*budget* għas-sena finanzjarja 2006/2007.

Ir-residenti li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali huma mistiedna li jattendu.

Il-21 ta' Marzu, 2006

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

Locality Meeting

In accordance with section 70 (1) of the Local Councils Act (Act No. XV of 1993), an annual locality meeting will be held on Friday, 24th March, 2006 at the Parish Hall, Parish Church Saint Pius X, Sta. Luċija at 7.00 p.m.

During this meeting the public will have the opportunity to forward suggestions for the budget of the financial year 2006/2007.

All residents whose names appear in the last Local Council's Electoral Register aare invited to attend.

21st March, 2006

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Marzu 2006 fis-Sala ta' l-Iskola Primarja Karmnu Sant, Triq San Bartilmew, Ħal Għargħur fis-7.00 p.m.

Ir-residenti ta' Ħal Għargħur huma mħeġġa li jattendu.

Il-21 ta' Marzu, 2006

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Act No. XVof 1993), the Annual Locality Meeting will be held on Friday, 24th March 2006 at the Karmnu Sant Primary School Hall, Triq San Bartilmew, Għargħur at 7.00 p.m.

All the residents of Għargħur are invited to attend.

21st March, 2006

ATT TA' L-1991 DWAR
L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

ATT NRU. XXI TA' L-1991

Avviż

Ngħarrfu illi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, b'ordni ta' l-Uffiċjal Reviżur sar dan it-tnaqqis fir-Reġistru Elettorali ppubblikat f'Ottubru, 2005.

TNAQQIS

GENERAL ELECTIONS ACT,
1991

ACT NO. XXI OF 1991

Notice

In terms of Section 43 of the General Elections Act, 1991, it is notified that by order of the Revising Officer, the following deletions were made in the Electoral Register published in October, 2005.

DELETIONS

Debono Marianna – 574225M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala RB 1, Luqa

Vassallo Adelina – 41427M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala F 11/12, Luqa

Vella Carmel – 322217M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala M 7/8, Luqa

Vella Carmena – 561241M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala SJ 13, Luqa

Vella Giuda Taddeo – 393622M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala M 9/10, Luqa

Vella Rita – 332826M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala RB 2B, Luqa

Fenech Paola – 429922M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala SJ 13, Luqa

Fiorini Elena – 562715M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala SJ 22, Luqa

Frendo Marija – 126215M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala F 3/4, Luqa

Galea Grazia – 230624M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala F 11/12, Luqa

Galea Joseph – 269825M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala M 7/8, Luqa

Galea Teresa – 267453M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala F 3/4, Luqa

Mifsud Nazzarena – 680929M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala F 3/4, Luqa

Pace Andreana – 517929M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala SJ 13, Luqa

Roberts Carmela k/a Carrie – 447M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala RB 1, Luqa

Salerno Teresa – 468916M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala SJ 13, Luqa

Zammit Rose – 345822M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala F 3/4, Luqa

Debono Emilia – 554117M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala RB 1, Luqa

Debono Marianne – 406523M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala RB 1, Luqa

Massa Serafino – 253724M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala M 5/6, Luqa

Mercieca Helen – 383219M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala SJ 12, Luqa

Micallef Annunziata – 117729M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, Sala RB 1, Luqa

Caruana Bernard – 210323M – Triq l-Ingiered, Res. San Vinċenz de Paule, San Piju Tal-Pjagi, Fatima Ward (SJ 3), Luqa

Il-21 ta' Marzu, 2006

21st March, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Marzu, 2006 għal:

CT 57/2006. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili u bini fil-Buġibba *Perched Beach* - Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Marzu, 2006 għal:

CT 24/2006. Xogħol ta' kostruzzjoni għal *Skills Development Centre extension* and *link block* fiċ-Ċentru ta' l-*Office Skills* fil-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, Hal Far. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). (*Budget* Allokat: Lm97,469 mingħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-30 ta' Marzu, 2006 għal:

CT 31/2006. Akkwist ta' apparat għal *air monitoring* u provvista għal taħriġ prattiku - Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Frar 2006
.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-Transition Facility 2004. (*Budget* Allokat: Euros 194,000 inkluż V.A.T.).

CT 32/2006. Provvista ta' *alcohol tax stamps* - Dipartiment tad-Dwana. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Frar 2006.

CT 40/2006. Xiri ta' vetturi *second hand* għall-Isptar San Vinċenz de Paule – Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità.

CT 41/2006. Provvista ta' żraben tal-militar għall-Forzi Armati ta' Malta – Forzi Armati ta' Malta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd March, 2006, for:

CT 57/2006. Civil engineering and construction works on the Buġibba Perched Beach - Malta Tourism Authority. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th March, 2006, for:

CT 24/2006. Construction of Skills Development Centre extension and link block at The Employment and Training Corporation, Office Skills Centre, Hal Far. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm97,469 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 30th March, 2006, for:

CT 31/2006. Acquisition of air monitoring equipment and provision of practical training - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd February 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The Transition Facility 2004 Programme for Malta (Allocated Budget: Euros 194,000 including V.A.T.).

CT 32/2006. Supply of alcohol tax stamps - Customs Department. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th February 2006.

CT 40/2006. Purchase of second hand vehicles for Saint Vincent de Paule Hospital – Elderly Care and Community Department.

CT 41/2006. Supply of military footwear to the Armed Forces of Malta – Armed Forces of Malta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-6 ta' April, 2006 għal:

CT 48/2006. Kiri ta' karozzi tat-tip *self drive* lid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi (MSD) - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 49/2006. Provvista ta' pilloli *anlodipine 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 50/2006. Provvista ta' pilloli *hydroxychloroquine sulphate 200mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 51/2006. Provvista ta' *yellow fever vaccine* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 52/2006. Provvista ta' pilloli *methylphenidate 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 53/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *dobutamine 250mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 54/2006. Provvista ta' ngwanti *sterile non powdered,* Qies: 7.5 - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 55/2006. Provvista ta' pilloli *stilbaestrol 5mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 56/2006. Analiżi ta' residwi tad-droga u kontaminanti għall-*Food and Veterinary Regulation Division* - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' April, 2006 għal:

CT 36/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' njam tat-tip parana u iroko lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-8 ta' Frar 2006.

CT 38/2006. Provvista ta' *methadone hydrochloride 1mg/ml mixture* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Frar 2006.

CT 39/2006. Provvista ta' *blue base films* għal *digital imaging* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Frar 2006.

CT 61/2006. Provvista ta' *securitainers* daqs 26mm b' 51mm – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 62/2006. Provvista ta' *TPN's Paediatric – total parenteral nutrition (paediatric)* – Dipartiment tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 6th April, 2006, for:

CT 48/2006. Hire of self drive cars by the Manufacturing and Services Department (MSD) - Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 49/2006. Supply of anlodipine 10mg tablets - Department of Health.

CT 50/2006. Supply of hydroxychloroquine sulphate 200mg tablets - Department of Health.

CT 51/2006. Supply of yellow fever vaccine - Department of Health.

CT 52/2006. Supply of methylphenidate 10mg tablets - Department of Health.

CT 53/2006. Supply of dobutamine 250mg injections - Department of Health.

CT 54/2006. Supply of sterile non powdered gloves, Size: 7.5 - Department of Health.

CT 55/2006. Supply of stilbaestrol 5mg tablets - Department of Health.

CT 56/2006. Analyses of drug residues and contaminants to the Food and Veterinary Regulation Division - Ministry for Rural Affairs and the Environment. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th April, 2006, for:

